MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 274/2011

A B

vs

C D,

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku

u b’digriet tal-24 ta’ Ottubru 2011 C D

giet nominata bhala kuratrici deputata biex tirrapprezenta

lill-minuri M B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi fis-6 ta' Ottubru 2010 twieldet il-minuri M B li giet registrata bhala bint ir-rikorrenti A B u bil-kunjom B kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid bin-numru progressiv 3304/2010 Dok 'A':
2. Illi r-rikorrenti mhux il-missier naturali tal-minuri M B u dan kif ser jigi ippruvat waqt is-smigh u trattazzjoni tal-kawza;
3. Illi l-esponenti ma jridx li jibqa indikat fic-certifikat tat-twelid tal-minuri li hu l-missier naturali u dan peress li ma jirrispekkjax il-verita;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-minuri M B mhix wild l-istess rikorrent u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti medici biex isiru t-testijet tad-DNA;
2. Tordna illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 3304/2010 tal-minuri M B billi fejn hemm miktub u indikat li l-isem il-missier hu r-rikorrent 'A Antonio B (Pieta Malta)' dawn jigu mhassra u jigi mnizzel illi l-minuri msemmi huwa missier mhux maghruf;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti li huma ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D, li permezz taghha eccepiet :

1. Preliminarjament, l-irritwalita' u n-nullita' tar-rikors guramentat stante li l-minuri M B twieldet aktar minn sitt (6) xhur qabel ma gie

prezentat ir-rikors guramentat, u r-rikors guramentat gie ghalhekk intavolat fuori termine minghajr ma r-rikorrent talab l-awtorizzazzjoni mehtiega ai termini tal-Artikolku 73 tal-Kap. 16 (proviso) sabiex ikun jista jipprocedi b'din l-istanza;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti fil-kwalita' taghha ta' kuratrici tal-minuri m'ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza, jkun x'ikun l-ezitu taghha, u dan peress illi r-rikorrent minn dejjem kien jaf li l-minuri M mhix il-wild naturali tieghu u dan sa mid-data tat-twelid taghha, izda dejjem insista li l-minuri tidher bhala bintu naturali fic-certifikat tat-twelid;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta C D;

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri M a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita' ta' M B *stante* li l-attur jikkontendi li minkejja li c-certifikat tat-twelid tal-minuri jindikah bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri, l-istess minuri m'hijiex bintu naturali. Ghalhekk permezz ta' din il-kawza qieghed jitlob lill-Qorti sabiex isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri.

Min-naha tieghu, id-Direttur intimat ma jeccepixxi ebda eccezzjoni ta' natura preliminari jew legali ghalkemm jikkontendi li filwaqt li ghandhom isiru t-testijiet genetici, l-partijiet ghandhom jaqblu u jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri.

L-intimata tressaq eccezzjoni ta’ natura legali u cioe’ li *stante* li l-kawza odjerna giet intavolata wara t-terminu ta’ sitt (6) xhur u konsegwentement, l-istess attur kellu jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti qabel jipprocedi bl-istess kawza, allura l-istess kawza hija nulla. Din l-eccezzjoni giet survolata waqt is-seduta ta’ llum. Imbaghad fil-mertu tikkontendi li l-istess attur minn dejjem kien jaf li l-minuri m’hijiex il-wild naturali tieghu izda kien fuq insistenza tieghu, li giet imnizzla fuq ic-certifikat tat-twelid taghha bhala bintu naturali.

**Il-Verzjoni tar-rikorrent**

Permezz tal-affidavit tieghu[1], l-attur jghid li kellu relazzjoni mal-intimata C D u li sahansitra l-istess partijiet kienu jghixu flimkien. Kellhom argumenti relatati mal-pagamenti dovuti lill-bank u darba fost l-ohrajn l-intimata telqet mid-dar bil-minuri b’kollox. Jghid li meta telqet mid-dar ra lill-minuri wara xi hmistax (15) –il gurnata u kien f’dan il-perjodu li ra differenza fil-minuri u gieh is-suspett li ma kienitx bintu naturali. Sar id-DNA test u rrizulta li ma kienitx bintu. Jghid li ghalhekk qed jipproponi l-kawza odjerna.

Sussegwentement permezz ta’ affidavit ulterjuri[2], jiddikjara li l-intimata hija interessata biss fil-flus b’dan li jiddikjara li l-istess intimata dahket bih u qed tipprova ‘twekkih haga’ bil-ghan li takkwista. Jallega li l-istess intimata qed tipprova tidhaq bil-gustizzja. Jishaq li l-minuri ma tixbhux.

**Il-verzjoni tal-intimata**

Permezz tal-affidavit taghha[3], l-intimata C D taghti deskrizzjoni tar-relazzjoni li kellha mal-attur, fejn tispjega li mill-bidu kien hemm

[1] Esebit a fol 46 tal-process
[2] Esebit a fol 66 tal-process
[3] Esebit a fol 92 tal-process

kwistjonijiet ta’ flus bejniethom. Tghid li kien maghha biex jakkwista biss, ghalkemm min-naha taghha tammetti li kienet thobbu. Dan minkejja l-vjolenza fizika u verbali da parti tieghu. Tghid li f’Ottubru tas-sena 2009 temmew ir-relazzjoni taghhom u bdiet tohrog ma’ ragel ta’ karnaggjon skura u wara ftit gimghat harget tqila. Kif sar jaf, l-attur ghamel minn kollox biex jergghu jirrangaw u fil-fatt hekk gara. Tghid li meta twieldet il-minuri ried li jmorru l-Belt Valletta flimkien u ma kellha ebda idea li kellu l-intenzjoni li jirregistra lill-minuri fuqu, ghaliex kien ovvju li l-minuri kienet bint ragel ta’ karnaggjon skur (kif jidher mir-ritratt anness mal-istess affidavit[4]). L-intimata tghid ukoll li r-relazzjoni taghhom intemmet wara seba’ (7) xhur ghaliex ma felhitx ghas-swat li kienet qed taqla’. L-intimata tghid ukoll li l-attur akkwista dak li ried ghaliex missierha assuma d-dejn li kellha l-istess intimata fuq isimha sabiex l-attur jixtri mutur, apparti li hallas ukoll ghall-ispejjez tad-DNA test. Taghlaq billi tghid li l-attur minn dejjem kien jaf li l-minuri m’hijiex bintu, izda ghall-iskopijiet tieghu ghazel li jirregistra lill-minuri fuq ismu. Tghid li ghalhekk m’ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ din il-kawza, anke minhabba l-fatt li kien missierha wkoll li hallas ghall-prezentata tal-kawza odjerna.

**<u>Il-Provi Miġbura</u>**

Permezz tal-affidavit taghha, G B[5] tghid li binha l-attur kien jghix mal-intimata C D u li meta twieldet il-minuri kulhadd kien kuntent biha, kemm hi kif ukoll zewgha. Tikkonferma li binha u l-intimata D kellhom xi argumenti relatati mal-flus tal-pagament tal-*loan* mal-bank u li sussegwentement l-istess intimata telqet mid-dar fejn kienu qed jghixu bit-tifla b’kollox. Peress li dam xi tliet (3) gimghat ma jara t-tifla binha beda jara li ma kienx hemm xebh mieghu u beda jissuspetta li l-minuri setghet ma tkunx bintu naturali. Permezz ta’ nota prezentata fl-atti, l-attur jiddikjara li ma jixtieqx li l-minuri tibqa’ ggor kunjomu[6], filwaqt li l-intimata min-naha taghha permezz ta’ nota ohra, tikkontendi li minkejja li

[4] Ara a fol 94A tal-process
[5] Esebit a fol 47 tal-process
[6] Ara a fol 78 tal-process

l-attur kien jaf li m'hijiex bintu naturali, hija taqbel li bintha ma tibqax iggorr il-kunjom 'B'[7].

Permezz tal-affidavit tieghu, missier l-intimata u cioe' Felix D[8], jghid li r-relazzjoni ta' bintu mal-attur ntemmet f'Ottubru 2009 u regghu bdew johorgu flimkien fi Frar tas-sena 2010. Jghid li meta twieldet il-minuri M, kulhadd kien jaf li kienet wild ta' ragel ta' karnaggjon skur. Jghid li meta ntemmet ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, l-attur talabhom is-somma ta' tliet elef u sitt mitt Euro (€3600) li skond hu kellhom jigu mhallsa minn bintu u kienu jinkludu l-ispejjez ta' din il-kawza kif ukoll tad-DNA. Jghid li l-hlas sar permezz ta' tpacija mal-loan mehud minn bintu meta l-attur iddecieda li jixtri mutur. Jghid ukoll li hallas is-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) relatati mal-appartament li kienu xtraw il-partijiet. Jghid li hallas ghaliex ma felahx jara lil bintu u lin-neputija tieghu jbatu minhabba fl-attur.

## Il-Mertu tal-Kaz

Mar-risposta guramentata tal-intimata D, jirrizulta car li l-minuri m'hijiex il-bint naturali tal-attur. Pero' jekk tali dikjarazzjoni ma kienitx bizzejjed, il-konferma ta' dan tirrizulta mir-rizultat tad-DNA li sar u li kkonferma li l-istess minuri m'hijiex il-wild naturali tieghu[9].

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku ir-rikorrent irnexxilu jipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri M B verament mhijiex il-wild naturali tieghu, ghalkemm jidher li din ma kienitx il-kontestazzjoni f'dawn il-proceduri, tant li l-intimata mill-ewwel iddikjarat li l-minuri m'hijiex il-wild tal-istess attur. Irid jinghad pero' li f'cirkustanzi bhal dawn, il-Qorti mhux biss tistrieh fuq tali dikjarazzjonijiet izda wkoll fuq it-test xjentifiku li huwa l-prova regina dwar kwistjonijiet ta' paternita'. Ghaldaqstant, il-provi

[7] Ara a fol 87 tal-process
[8] Ara a fol 95 tal-process
[9] Ara a fol 84 tal-process

kollha migjuba quddiem din il-Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tar-rikorrent.

Mill-provi jirrizulta li l-kwistjoni principali ta' bejn il-partijiet (wara li fil-mori rrizulta li l-istess partijiet kienu qed jaqblu dwar il-paternita' tal-istess minuri u cioe' li l-attur mhux il-missier naturali tal-minuri M B), hija dik jekk l-attur kienx jaf qabel ir-registrazzjoni li l-istess minuri ma kienitx bintu jew le u naturalment il-kwistjoni tal-ispejjez ta' din il-kawza. Ghalkemm ftit jaghmel differenza ghall-mertu tal-kawza odjerna, ghal finijiet ta' kompletezza l-Qorti tara li l-verzjoni tal-intimata hija ferm aktar kredibbli minn dik tal-attur, fejn ma jaghti ebda spjegazzjoni dwar ir-registrazzjoni tal-minuri f'ismu. Mir-ritratt esebit u anness mal-affidavit tal-intimata, jirrizulta bl-aktar mod car li l-attur ma setax ma jkunx jaf li l-minuri m'hijiex il-wild naturali tieghu ghaliex din hija evidenti mill-kulur tal-gilda taghha. Ghalhekk, il-verzjoni tal-attur li gie mqarraq m'hijiex kredibbli.

Kwantu ghall-ispejjez, din il-kwistjoni giet survolata permezz ta' verbal datat is-26 ta' Marzu 2015[10], fejn gie maqbul kif ghandhom jithallsu l-ispejjez. Gialadarba hemm qbil, il-Qorti ma ssib ebda diffikulta li tapplika tali ftehim kwantu ghall-kap tal-ispejjez kif ftehmu bejniethom il-partijiet.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri M B m'hijiex il-wild naturali tal-attur A B;
(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' M B numru 3304/2010 b'dan illi l-konnotati tar-rikorrent A B jigu kancellati u mhassra minn fuq l-istess certifikat u jigu sostitwiti bil-kliem 'missier mhux maghruf' b'dan li kunjom il-minuri ghandu jsir 'D'.

Bl-ispejjez tal-attur kif ukoll tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom jithallsu mill-attur filwaqt li l-intimata C D ghandha tbati l-ispejjez taghha.

[10] Ara a fol 96 tal-process

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------